Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 78/2011

**Ian Pace, Malcolm Pace, James Pace u Alliance Cruises limited**

**vs**

**Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tas-26 ta' Jannar 2011 li jghid hekk:

Illi permezz ta' ittra ufficjali pprezentata fis-26 ta' Ottubru 2009, li giet innotifikata lilhom fil-15 ta' Ottubru 2010 bil-procedura tal-affissjoni, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud interpellahom sabiex ihallsu ammont pretiz minnu li allegatament hu dovut u zied jiddikjara:

"Din l-interpellanza qed issir ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u partikolarment, izda mhux esklussivament, sabiex tirrendi ezegwibbli t-titolu ezekuttiv li ghandu l-istess Kummissarju fil-konfront tieghek permezz tal-mandati opportuni."

Illi l-esponenti wiegbu ghal dan billi pprezentaw Protest gudizzjarju li bih mhux biss ikkontestaw l-ammont pretiz izda kkontestaw ukoll l-allegazzjoni illi l-Kummissarju kellu titolu ezekuttiv, li huwa ried jirrendi ezegwibbli.

Illi l-Kummissarju baqa' ma wegibx ghal dan il-Protest gudizzjarju ghalkemm ghadda zmien konsiderevoli.

Illi l-esponenti, la s-socjeta Alliance Cruises Limited u lanqas huma bhala diretturi taghha, qatt ma gew debitament innotifikati b'avviz formali skond il-ligi u qatt ma nghataw l-opportunita li jikkontestaw l-istimi li wasal ghalihom il-Kummissarju.

Illi ricentement id-Dipartiment baghat lil Alliance Cruises Limited permezz ta' posta ordinarja statement b'talba ghall-hlas ta' somma konsiderevoli, liema statement inghad li qed jintbaghat a tenur tal-artikolu 59 tal-Att (Kapitolu 406 tal-Ligijiet). Dan ifisser illi jekk il-pagament ma jsirx fi zmien tletin (30) jum, id-dipartiment ikun kiseb titolu ezekuttiv, u wara jumejn id-dipartiment ikun jista' jipprezenta fir-Registru Pubbliku t-titolu ezekuttiv li jkun kiseb u sussegwentement ikun jista' jipprocedi ghall-infurzar u esekuzzjoni tat-talba permezz ta' biegh bl-irkant.

Illi l-esponenti jikkontestaw kemm il-kreditu pretiz mill-Kummissarju, kif ukoll il-proceduri adottati mill-Kummissarju.

Illi l-intimat ma segwiex il-procedura preskritta stante illi, hekk kif kellha opportunita tippuntwalizza l-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Frank X. Fenech v Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Rik. Nru. 1105/2008), sabiex l-intimat johrog titolu ezekkuttiv kif l-

intimat ittanta illi jaghmel irid, qabel xejn, jinnotifika lir-rikorrenti diretturi b'nota ta' talba ghall-hlas (Demand note formali) skond l-artikolu 59(2) tal-Kap. 406, procedura illi f'dan il-kaz ma gietx segwita mill-intimat. B'hekk t-titolu ezekuttiv imsemmi huwa proceduralment monk.

Illi l-ittra ufficjali suggetta ghal din il-vertenza intbaghtet lid-diretturi biss, l-ittra ma ntbaghtitx lill-kumpannija ukoll. In pessima ipotesi illi d-diretturi huma responsabbli ghandhom ikunu responsabbli b'mod solidali. Illi hekk kif kellha l-opportunita tippuntwalizza din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet Kummissarju tal-VAT v Mario Tonna noe (Prim' Awla tal-Qorti Civili 29 ta' Settembru 1997) sabiex il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ikun jista' jagixxi kontra l-istess debituri bhala tali, huwa jrid ikun agixxa ukoll kontra dan id-debitur bhala garanti solidali tad- debitu tas-socjeta. F'dan il-kaz il-Kummissarju intimat naqas milli jaderixxi mad-dettami stabbilita fis-sentenza citata.

Illi minghajr hsara ghas-suespost, il-procedura illi segwa l-intimat sabiex jotjeni t-titolu ezekuttiv imsemmi huwa leziv tad-dritt tal-esponenti ghal smigh xieraq ai termini tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet taI-bniedem stante illi nhareg titolu ezekuttiv kontra r-rikorrenti minghajr ir-rikorrenti ma gew moghtija kwalsiasi semblanza ta' dritt xieraq.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-artikolu 66 tal-Kapitolu 406 u l-artikolu 82 tal-Kapitolu 406 huma lezivi tad-dritt fondamentali tal-esponenti ghall-proprjeta (artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni Ewropea u artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta) ghaliex joholqu piz eccessiv fuq ir-rikorrenti billi jorbothom b'responsabbilita personali ghal taxxa dovuta minn terza persuna (il-kumpannija illi fiha servew ta' diretturi).

Ghaldaqstant l-esponenti Ian Pace, Malcolm Pace, James Pace u Alliance Cruises Limited jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-ittra ufficjali mibghuta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq l-Valur Mizjud tas-26 ta' Ottubru 2009 li giet notifikata lilhom fil-15 ta' Ottubru 2010 ma tikkrejax fil-konfront tal-esponenti titolu ezekuttiv.

2. Tiddikjara null u bla effett it-titolu ezekuttiv li allegatament gie miksub mill-Kummissarju kif jinghad fl-ittra ufficjali tieghu tas-26 ta' Ottubru 2009 li giet notifikata lilhom fil-15 ta' Ottubru 2010.

3. Thassar it-titolu ezekuttiv ottjenut bl-ittra ufficjali tas-26 ta' Ottubru 2009.

4. Thassar u tirrevoka, fil-konfront tal-esponenti, l-effetti kollha tal-ittra ufficjali premessa u tal-avviz ta' talba ta' hlas mertu ta' din il-kawza.

5. Tiddikjara u tiddeciedi illi lis-Statement mibghuta bil-posta ordinarja lis-socjeta Alliance Cruises Limited b'talba ghall-hlas ta' somma konsiderevoli, liema statement inghad li ntbaghat a tenur tal-artikolu 59 tal-Kapitolu 406 kontra l-esponenti ma tikkrejax fil-konfront tas-socjeta esponenti titolu ezekuttiv.

6. Thassar u tirrevoka, fil-konfront tas-socjeta esponenti u tal-esponenti, l-effetti kollha tal-Statement premessa u tal-avviz ta' talba ta' hlas maghmula permezz tal-Statement.

7. Thassar it-titolu ezekuttiv ottjenut bl-Statement mibghut lis-socjeta Alliance Cruises Limited b'talba ghall-hlas.

8. Tiddikjara nulli u bla effett il-proceduri adottati mill-Kummissarju peress illi l-esponenti qatt ma gew notifikati skond il-ligi b'talba formali ghall-hlas u qatt ma nghataw l-opportunita biex jikkontestaw l-istimi mahruga mill-Kummissarju.

9. Tiddikjara nulli u bla effett l-istimi mahruga mill-Kummissarju peress illi ma gietx segwita l-procedura kontemplata fil-ligi fir-rigward ta' notifika u fir-rigward tal-opportunita biex l-esponenti jkunu jistghu jikkontestaw il-pretensjonijiet tal-Kummissarju.

10. Tiddikjara preskritta t-talba ghall-hlas maghmula mill-Kummissarju peress illi d-dipartiment naqas li jagixxi a tenur tal-artikolu 32 subinciz (3) tal-Kapitolu 406 fi zmien sitt (6) xhur min-notifika kif previst fl-istess dispozizzjoni tal-ligi.

11. Tiddikjara illi r-returns li gew sottomessi mill-esponenti huma korretti u, okkorrendo, tiddikjara illi l-Kummissarju qatt ma ghamel prova imqar ‘prima facie' illi r-returns li gew sottomessi minnhom ma kienux korretti.

12. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-ammont pretiz mill-Kummissarju m'huwiex dovut peress illi r-records tas-socjeta Alliance Cruises Limited huma korretti.

13. Tiddikjara illi minkejja li fl-imsemmi Protest gudizzjarju pprezentat mill-esponenti kontra l-Kummissarju talbu li jigu ammessi biex jippruvaw illi t-talba maghmula mill-Kummissarju hija zbaljata, il-Kummissarju qatt ma tahom l-opportunita biex jaghmlu dan.

14. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-esponenti ma ghandhom l-ebda responsabilita ghal xi pretensjoni ta' Taxxa fuq il-Valur Mizjud mis-socjeta Alliance Cruises Limited kif pretiz mill-Kummissarju fl-ittra ufficjali msemmija tas-26 ta' Ottubru 2009 li giet notifikata lilhom fil-15 ta' Ottubru 2010.

15. Tiddikjara l-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud hekk kif dedotta fl-ittra ufficjali msemmija flimkien mat-talba ghall-ispejjez ghall-prezentata ta' dak l-Att, bhala nfondati u r-rikorrenti dikjarati mhux debituri tal-intimat fis-somma pretiza.

B'rizerva ta' kull dritt u azzjoni fil-ligi nkluz kull rimedju ta' ksur ta' drittijiet fondamentali.

Bl-ispejjez kontra l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament, u bir-rispett kollu, din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni fir-rigward ta' stejjem mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema gurisdizzjoni hija vestita fil-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ai termini tal-artikoli 43 sa 45 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi ukoll b'mod preliminari, u dejjem b'kull rispett, din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni ta' natura Kostituzzjonali;

3. llli minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti segwa u agixxa skond id-dettami tal-ligi u cioe l-procedura kkontemplata fil-Kap. 406 sabiex ottjena t-titoli ezekuttivi favur tieghu kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. llli s-socjeta rikorrenti Alliance Cruises Limited giet notifikata, fl-ewwel lok, bi stima provizorja (ossia provisional assessment) ai termini tal-artikolu 32(1) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta (vide r-referta relattiva hawn annessa bhala Dok. AC 1) u fit-tieni lok, giet innotifikata bi stima (ossia assessment) ai termini tal-artikolu 32(3) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta (vide dokumenti annessi bhala Dok. AC2, AC3 u AC4);

5. Illi m'huwiex minnu li l-esponenti naqas milli jagixxi a tenur tal-artikolu 32(3) tal-Kap. 406, kif jirrizulta mid-dokumenti ACl sa AC4;

6. Illi l-artikolu 43 tal-Kap. 406 jipprovdi li: "Kull persuna li thoss ruhha aggravata bi stima li tigi notifikata lilha tista' taghmel appell kontra dik l-istima lill-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud." Illi ghalkemm debitament notifikata bl-istima, s-socjeta Alliance Cruises Limited ma intavolat l-ebda appell ai termini tal-artikolu citat;

7. Illi m'huwiex minnu li s-socjeta Alliance Cruises Limited u/jew id-diretturi taghha ma kienux f'posizzjoni li jikkontestaw l-istima u kwindi m'huwiex minnu li gew privi milli jkollhom rimedju xieraq skond il-ligi;

8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, gia la darba ma saret l-ebda kontestazzjoni ghall-istima msemmija fit-terminu moghti fil-ligi, ma tista' ssir l-ebda kontestazzjoni dwar il-kreditu dovut lill-esponenti ai termini tal-istess stima;

9. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, m'huwiex minnu li r-returns sottomessi mir-rikorrenti huma korretti;

10. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ai termini tal-artikolu 59 tal-Kap. 406, it-titoli ezekuttivi kollha favur l-esponenti fil-konfront tar-rikorrenti m'humiex l-ittri ufficjali msemmija fir-rikors promotur izda huma l-avvizi ossia demand notes mibghuta lir-rikorrenti, inkluz Ian Pace, Malcolm Pace u James Pace. L-iskop tal-ittri ufficjali fl-ambitu taI-artikolu 59 tal-Kap. 406 huwa biss li jirrendi ezegwibbli t-titoli ezekuttivi favur l-esponenti;

11. lIli l-esponenti ghandu favur tieghu t-titoli ezekuttivi ossia l-avvizi (hawn annessi bhala Dok. A, B, C u D) liema avvizi gew mibghuta lir-rikorrenti fl-indirizz taghhom hekk kif jirrizulta mid-dokumenti hawn annessi bhala Dok. AI, BI, Cl u Dl. Dawn l-avvizi jitqiesu bhala notifikati lir-rikorrenti ai termini tal-artikolu 73 tal-Kap. 406 (u kif intqal fis-sentenzi fl-ismijiet Saviour Magro vs Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u Clover Holdings Limited vs Il-Kummissarju tat- Taxxa fuq il-Valur Mizjud);

12. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ghandu wkoll favur tieghu titoli ezekuttivi bis-sahha tal-avvizi mibghuta lis-socjeta Alliance Cruises Limited fit-30 ta' Gunju 2009 (Dok. AC5), fid-19 ta' Novembru 2009 (Dok. AC6), fl-14 ta' Jannar 2010 (Dok. AC7) u fit-12 ta' Mejju 2010 (Dok. AC8) permezz ta' liema kien informa lill-istess socjeta rikorrenti bl-ammonti minnha dovuti sa dik id-data. Dawn l-avvizi ntbaghtu kollha fl-indirizz registrat tas-socjeta kif jirrizulta minn Dok. AI anness, u fil-fatt, is-socjeta Alliance Cruises Limited kienet irrispondiet ghal avviz minnhom, kif jirrizulta minn Dok. AC9. Ghalkemrn l-istess avvizi jindikaw illi l-ammont imsemmi kellu jigi mhallas fi zmien jumejn, ma sar l-ebda hIas da parte tas-socjeta Alliance Cruises Limited;

13. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, gia la darba l-esponenti ghandu favur tieghu t-titoli ezekuttivi kollha msemmija, bir-rispett kollu lejn din l-Onorabbli Qorti, ma tista' ssir l-ebda indagini f'dan l-istadju dwar il-kreditu dovut lill-esponenti ai termini tal-istess titoli ezekuttivi ossia avvizi;

14. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, m'huwiex minnu li ma ntbaghtitx ittra ufficjali fil-konfront tas-socjeta rikorrenti Alliance Cruises Limited. Fil-fatt intbaghtet l-ittra ufficjali bin-numru 3860/2009 intavolata fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti;

15. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kuntrarjament ghal dak premess mir-rikorrenti, ma ntbaghtitx ittra ufficjali wahda fil-konfront tar-rikorrenti Ian Pace, Malcolm Pace u James Pace, izda ntbghatet ittra ufficjali fil-konfront ta' kull wiehed mir-rikorrenti msemmija, liema ittri jgiebu n-numri 3859/2009 (fil-konfront ta' Ian Pace), 3857/2009 (fil-konfront ta' James Pace) u 3858/2009 (fil-konfront ta' Malcolm Pace);

16. Illi ai termini tal-artikolu 66 tal-Kap. 406 ir-rikorrenti Ian Pace, Malcolm Pace u James Pace huma personalment responsabbli, in solidum mas-socjeta rikorrenti, ghall-ammonti dovuti lill-esponenti mis-socjeta rikorrenti Alliance Cruises Limited;

17. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-titoli ezekuttivi favur l-esponenti, ossia l-avvizi msemmija, jistghu jigu enforzati kemm fil-konfront tas-socjeta rikorrenti Alliance Cruises Limited u kif ukoll fil-konfront tad-diretturi taghha r-rikorrenti Ian Pace, Malcolm Pace u James Pace, jew min minnhom, b'ghazla tieghu, u dan ai termini tal-artikoli 1096 u 1097 tal-Kap. 16;

18. Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost, m'huwiex minnu li sabiex l-esponenti jottjeni titolu ezekuttiv favur tieghu jrid l-ewwel jinnotifika lid-diretturi tas-socjeta rikorrenti b'demand note ghaliex kif gia nghad hija d-

demand note stess li tikkostitwixxi titolu ezekuttiv favur l-esponenti, kif se jigi spjegat ahjar fil-mori tal-kawza;

19. Illi ghalhekk ir-rikorrenti kollha huma responsabbli solidalment versu l-esponenti ghall-ammonti dovuti mis-socjeta rikorrenti Alliance Cruises Limited ai termini tal-istima msemmija u tas-sussegwenti avvizi mahruga fil-konfront taghhom;

20. Illi ghalhekk it-talbiet kollha rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-25 ta’ Gunju 2013.

**Ikkunsidrat**

Harsa lejn it-talbiet tar-rikorrenti jidher illi dak li qed jintalab hu illi jigi revokat kull titolu ezekuttiv li d-dipartiment tal-VAT qed jippretendi li ghandu fil-konfront tar-rikorrenti u dan a tenur tat-talbiet maghmula minnu, uhud minnhom ta’ natura formali cioe li jolqtu l-proceduri per se addottati mid-dipartiment u ohrajn ta’ mertu li jidher ukoll fuq l-aspett materjali tal-ammonti li d-dipartiment jippretendi li huma koperti bit-titolu ezekuttiv li qed jivvanta.

Ir-rikorrenti fil-premessi isemmu allegati lezjonijiet ta’ drittijiet tal-bniedem, pero ma hemm ebda talba ad hoc sabiex il-Qorti tinvestigahom u ghalhekk a presciendere minn jekk din il-Qorti ghandhiex gurisdizzjoni kif qed jigi eccepiet, mhux ser tittiehed ebda konsiderazzjoni dwarhom billi kif inghad ma hemmx talba ghal dan l-iskop.

**Mertu**

Jibda biex jinghad illi kull talba maghmula mir-rikorrenti sabiex din il-Qorti tiddikjara li r-returns tal-VAT maghmula mis-socjeta rikorrenti kienu korretti u kwindi tiddikjara li l-ammont pretiz mill-intimat mhux dovut mhux kompitu ta' din il-Qorti u lanqas ghandha gurisdizzjoni tikkonsidrahom ghax hemm il-proceduri appoziti skond il-Kapitolu 406 biex dan isir fis-sede u bil-proceduri opportuni. Ara f'dan is-sens is-setenza tal-Qorti tal-Appel fil-kawza fl-ismijiet **John Mary Farrell vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**, deciza fl-24 ta' Gunju 2011.

Tajjeb li jigi segwit l-iter kollu li wassal ghall-ittra ufficjali mahruga mid-dipartiment biex jirrendi ezegwibbli t-titolu ezekuttiv li qed jallega li ghandu u li qed jigi attakkat mir-rikorrenti.

Il-Kapitolu 406 jipprovdi fl-artikolu 32(1) dwar stima provvizorja illi:
Meta persuna li ghandha l-obbligu li tibghat denunzja ta' taxxa taht l-artikolu 27 ghal zmien ta' taxxa tonqos milli taghmel dik id-denunzja il-Kummissarju jista' jaghmel stima ta' l-output tax u t-tnaqqis ghal dak iz-zmien u tal-penali amministrattiva li ghaliha tkun giet suggetta dik il-persuna u jinnotifika dik l-istima lil dik il-persuna f'kull zmien wara li jghaddi z-zmien li fih kellha tintghamel dik id-denunzja skond dan l-Att u mhux iktar tard minn sitt snin mit-tmiem ta' l-imsemmi zmien ta' taxxa.

Din l-istima provvizjorja tidher li ntbaghtet b'ittra tal-21 ta' Ottubru 2008 (Dok. AC1 a fol. 18) lis-socjeta Alliance Cruises Ltd bhala s-socjeta responsabbli ghal hlas tal-VAT b'ittra registrata li waslet fl-ufficju ta' Alliance Cruises 13/15 Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex fl-1 ta' Dicembru 2008. L-istess rikorrenti b'dokumenti pprezentati minnhom a fol. 106 et seq. tal-process ipprezentaw kopja tal-istess ittra inkluz l-istejjem provvizorji ghal perjodu 01/12/2002 sa 30/11/2005 annessi mal-imsemmija ittra.

Skond kif jitlob l-istess artikolu, is-socjeta rikorrenti kellha 30 jum biex toggezzjona ghal dawn l-istejjem, liema oggezzjoni saret fl-20 ta' Novembru 2008 (Dok. JP3 fol. 121 tal-process).

Mar jirrizultax b'mod car mis-socjeta rikorrenti x'ghamlet in segwitu ghall-ittra tad-dipartiment mibghuta fis-27 ta' Novembru 2008 (Dok. JP5 fol. 123 tal-process) fejn is-socjeta giet mitluba taghmel appuntament biex taghti aktar informazzjoni b'referenza ghall-oggezzjoni.

Pero fis-26 ta' Jannar 2009 id-dipartiment b'ittra informa is-socjeta rikorrenti illi lprovisional assessments gew konfermati stante li s-socjeta rikorrenti ma pproducietx il-company records biex tissostanza l-oggezzjoni taggha u skond l-artikolu 48(5) tal-Kap. 406, dawn ma jistghux jigu prodotti fi stadju iehor. Ghalkemm fix-xhieda d-diretturi tas-socjeta rikorrenti kif ukoll l-accountant jixhdu li intbaghtet id-dokumentazzjoni rikjesta pero din ix-xiehda tirreferi ghal 2011 meta kienet qed issir investigazzjoni mit-Tax Compliance Unit tal-Inland Revenue Department ghal finijiet ta' taxxa tad-dhul.

Id-dipartiment skond l-artikolu 32(3) tal-Kap. 406 jidher li hareg l-istima finali entro t-terminu previst wara l-hrug tal-istima provizorja cioe mhux qabel 30 jum u mhux wara sitt xhur minn notifika tal-istima provvizjorja. Dawn l-istejjem inhargu b'ittra tal-5 ta' Frar 2009 (Dok. AC2 fol. 20 tal-process). Wara li ssir in-notifika skond il-ligi, it-taxpyer ghandu 30 jum biex jappella quddiem il-VAT Appeal Board mill-istima finali mid-data tan-notifika tal-assessment skond l-artikolu 43 tal-Kap. 406, kif jidher mill-istess dicitura fl-ittra tal-5 ta' Frar 2009. Fuq il-kwistjoni tan-notifika hemm divergenza bejn il-partijiet. Ir-rikorrenti qed jinsistu li ma saret ebda notifika tal-assessment finali. L-atti juru illi sar tentattiv mankat ta' notifika bil-posta kif jidher minn Dok. AC3 a fol. 21 tal-process, u ghalhekk in-notifika saret direttament permezz ta' ufficjali tar-Revenue Security Corps Raymond Pace u Joseph Spiteri wara ordni diretta tas-superjuri taghhom Albert Galea kif jidher mid-Dok. AC4 a fol. 22 tal-process. Id-data tan-notifika hi 30 ta' Marzu 2009.

Ir-rikorenti jargumentaw illi tali notifika ta' final assessment qatt ma waslilhom. L-ufficjali tar-Revenue Security Corps jixhdu illi hallew l-ittra indirizzata lill-kumpanija fil-letter box

tal-istess kumpanija fl-ufficju registrat taghha, liema letter box kienet tinsab fl-intern tal-blokka appartamenti. Huma jsostnu illi ghalkemm ghadda z-zmien certi li hallew l-ittra fil-letter box li kien jindika n-numru tal-bieb tal-appartament u blokka fejn hi registrata l-kumpanija cioe 13/15 Triq Abate Rigord, Msida. Il-Qorti ma ghandhiex prova li timmilita kontra din ix-xhieda moghtija minn zewg ufficjali tad-Dipartiment li kkonfermaw li huma fil-fatt telqghu l-ittra fil-letter box imsemmija cioe dik appartenenti tas-socjeta rikorrenti.

L-artikolu 73(2) tal-Kap. 406 ighid illi:
Kull avviz li huwa mehtieg li jinghata mill-Kummissarju jew minn xi persuna ohra taht dan l-Att jista' jigi notifikat lil persuna sew personalment sew billi jintbaghat bil-posta. Kemm-il darba ma tingiebx prova kuntrarja, notifika ta' avviz mibghut bil-posta tkun ippruvata permezz ta' evidenza li dak l-avviz kien gie indirizzat u impostat sew u ghandu jitqies li jkun gie notifikat, fil-kaz ta' indirizz f'Malta mhux iktar tard mit-tielet jum li jigi wara l-jum meta dan ikun gie impostat, u fil-kaz ta' indirizz barra minn Malta fil-jum li jigi wara dak il-jum meta l-avviz kien jigi ricevut fil-kors ordinarju tal-posta: izda cheque jew cedola impostati mill-Kummissarju ghandu jitqies li jkun hlas ta' dak l-ammont maghmul fid-data meta jkun gie impostat.

L-artikolu 73(3) tal-Kap. 406 ighid illi:
Ghall-ghanijiet tas-subartikolu (2) avviz jitqies li jkun gie indirizzat sew jekk dan ikun gie indirizzat fin-negozju jew fl-indirizz privat ta' persuna, u indirizz moghti minn persuna lill-Kummissarju ghandu jitqies bhala l-indirizz ta' dik il-persuna kemm-il darba u sakemm ma jinghatax avviz ta' bdil ta' indirizz minn dik il-persuna lill-Kummissarju.

F'dan il-kaz lanqas jista' jinghad li l-ittra intilfet fil-posta u ghalhekk il-prezunzjoni tal-ligi imposta bl-artikolu 73 tista' tigi meghluba bil-gurament tat-taxpayer basta li c-cirkostanzi jkunu tali li l-verzjoni tieghu mhux kontradetta minn fatti ohra. F'din il-kwistjoni, in-notifika saret bl-idejn fl-ufficju registrat tal-kumpanija billi thalliet fil-letter box tal-istess kumpanija. Ghalkemm il-Qorti kienet tippreferi li l-

ligi kienet tesigi prova ta' notifika aktar certa fl-istess dicitura tal-ligi, pero l-Qorti trid timxi ma' dak li ried il-legislatur cioe notifika bil-posta bhala alternattiv ghal notifika personali. Hawn l-ufficjali tad-dipartiment marru oltre minn notifika b'semplici ittra, u ghalkemm s-socjeta ma gietx notifikata personalment tramite d-diretturi, giet notifikata billi l-ittra gie imqeghda direttament fil-letter box tal-istess socjeta fl-ufficju registrat taghha mill-ufficjali tad-dipartiment. Kien jispetta lis-socjeta li jgib prova kuntrarja kontra din ix-xiehda pero hi l-fehma tal-Qorti li s-socjeta rnexxielha tipprospetta kongetturi u ipotesi izda ebda fatt li jpoggi f'dubbju serju x-xiehda tal-ufficjal tad-dipartiment.

La darba gie ppruvat li s-socjeta debitrici giet notifikata bl-assessment tad-dipartiment u ma appellatx kontrih fiz-zmien moghti mill-ligi, allura dan l-assessment sar finali u ma jistax jigi kontestat ulterjorment.

Ir-rikorrenti gabu prova ili wara investigazzjoni mit-Tax Compliance Unit recentement, inhargu assessments ghal perjodi mertu ta' din il-kawza fejn gie dikjarat li ma hu dovut xejn mis-socjeta rikorrenti. Din il-Qorti tifhem li jista' jkun hemm inkonsistenza bejn dak li ddecieda d-dipartiment tat-Taxxa u dak li qed jippretendi d-dipartiment tal-VAT. Ghalkemm iz-zewg dipartimenti huma kommessi ghal gbir ta' taxxa pero huma zewg dipartimenti awtonomi minn xulxin ghalkemm suppost jahdmu id f'id ghax hu kontrosens li d-dipartiment tal-VAT ighid li hu dovut ammont ta' flus mentri d-dipartiment tat-taxxa jghid li kollox sar kif gie dikjarat. Madankollu din il-Qorti ma tistax u ma ghandhiex tintrometti ruhha f'dawn il-kwistjonijiet. Dak li qed jintalab f'din il-kawza hu r-revoka ta' hlasijiet allegatament dovuti lid-dipartiment tal-VAT li skond din il-Qorti, mid-dokumenti esebiti, jirrizultaw bhala dovuti fil-5 ta' Frar 2009 bl-assessments Dok. MS1 a fol. 55 et seq tal-process u n-nuqqas tas-socjeta debitrici li tikkontestahom skond il-ligi, wara li giet notifikata skond il-ligi fit-30 ta' Marzu 2009.

Ghalkemm kif inghad, din il-Qorti kienet tkun aktar sodisfatta li kieku l-ligi taghmel il-prova tan-notifika aktar cara u stretta, pero mill-banda l-ohra jekk it-taxpayer ikun

iddikjara l-indirizz li fih ghandu jircievi l-posta, allura ghandu jassigura li dan il-post hu mezz sikur u car fl-interess tieghu stess. Jidher mill-estratti tal-applikazzjoni ghar-registrazzjoni mid-dipartiemnt mis-socjeta rikorrenti (Dok. MS3 a fol. 186 u 187 tal-process) li l-indirizz registrat tal-kumpanija hu 13/15 Triq Abate Rigord, Tax' Xbiex, fejn l-istess ufficjali tad-dipartiment halfu li impostaw personalment il-final assessment.

Il-pass sussegwenti hu l-avviz ghal hlas li jikkostitwixxi t-titolu ezekuttiv u fin-nuqqas ta' hlas fiz-zmien moghti mill-ligi ta' tletin jum il-fakulta tal-hrug tal-mandati opportuni bhala ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv. Din it-talba ghal hlas skond l-artikolu 59 tal-Kap. 406 tista ssir permezz ta' notifika tal-avviz ghal hlas, u jekk ma jsirx il-hlas fi zmien 30 jum, allura d-dipartiment jista' jipprosegwi bil-hrug ta' mandati wara jumejn minn notifika ta' ittra ufficjali. Il-Qorti tqis li l-ittra ufficjali ma jikkostitwux it-titolu ezekuttiv. It-titolu ezekuttiv hu n-notifika tat-talba ghal hlas ta' assessment li sar finali u n-nuqqas tat-taxpayer li jutilizza r-rimedji u proceduri kollha ta' appell minn tali assessment jew alternattivament il-konkluzjoni finali tal-proceduri tal-appell amministrattiv wara l-hrug ta' assessment fuq imsemmija skond il-ligi.

F'dan il-kaz id-dokument Dok. A, B, C u D a fol. 23 sa 26 u Dok. AC5 sa AC8 minn fol. 31 sa 34 tal-process huma demand notices mibghuta lis-socjeta u d-diretturi taghha fl-ufficju u r-residenzi personali tad-diretturi fl-ahhar ta' Ottubru 2010. Jidher li almenu wahda mid-demand notices cioe dik tad-19 ta' Novembru 2009 Dok. AC6 a fol. 32 tal-process hi ammessa li giet ricevuta mis-socjeta rikorrenti billi intbaghtet risposta mill-istess socjeta tramite d-diretturi taghha fis-16 ta' Dicembru 2009 fol. 35 Dok. AC9 tal-process.

In kwantu ghad-diretturi, ghalkemm huma jghidu fl-affidavit taghhom li ma gewx notifikati bid-demand notices esebiti, id-dipartiment permezz tax-xhud Maryanne Schembri xehdet illi dawn id-demand notices intbaghtu lilhom fl-indirizzi ta' fejn hu indikat fil-memorandum and articles tas-socjeta msemmija ghalkemm ma kinitx certa

sarux b'posta normali jew registrata u fil-konfront taghhom japplika dak li ntqal x'jikkostitwixxi notifika ghal finijiet tal-artikolu 73 tal-Kap. 406 (**Jesmond Sant vs Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**, PA, 02/10/2012; **Rees Furniture Co Ltd et vs Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**, PA, 02/10/2012).

In kwantu ghar-responsabilta tad-diretturii mas-socjeta rikorrenti, ir-rikorrenti aparti li qed jallegaw li ma gewx notifikati skond il-ligi, kwistjoni li skond din il-Qorti ma gietx pruvata b'mod sodisfacenti mir-rikorrenti stante dak li jiddisponi l-artikolu 73 tal-Kap. 406. huma jallegaw ukoll illi anki jekk responsabbli solidament mas-socjeta, l-azzjoni kontrihom kellha tittiehed qua garanti solidali.

Il-ligi tghid hekk fuq id-diretturi ta' socjeta:
66. (1) Kull segretarju, manager, direttur, stralcjarju jew uffi`jal principali iehor ta' enti jew korp ta' persuni, kull werriet u ezekutur testamentarju u kull kuratur ta' l-eredità vakanti ta' persuna mejta, u kull min ikun tutur, kuratur, amministratur jew trustee ta' xi persuna o]ra jew ta' xi trust, fund, jew enti iehor ghandu jkun rapprezentant, ghall-ghanijiet ta' dan l-Att, ta' dak il-korp ta' persuni, persuna mejta, persuna ohra, trust, fund jew enti iehor, skond il-kaz.

(3) (a) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (5) rapprezentant ta' persuna ikun responsabbli bl-istess mod u sa l-istess limitu bhal dik il-persuna li jkun qieghed jirrapprezenta ghall-obbligazzjonijiet kollha imposti b'dan l-Att jew bis-sahha tieghu.

(4) Rapprezentant li jkollu taht it-tmexxija jew kontroll tieghu xi flus jew proprjetà ta' persuna jew dovuti lil persuna li huwa jkun rapprezentant taghha ma ghandux jiddisponi minn dawk il-flus jew proprjetà kemm-il darba ma jkunx haseb bizzejjed ghal kull taxxa dovuta taht dan l-Att.

(5) Rapprezentant ikollu responsabbiltà solidali mal-persuna li jkun qieghed jirrapprezenta ghat-taxxa dovuta minn dik il-persuna: izda meta ir-rapprezentant ikun

agixxa in bona fede u ma jkunx qieghed xjentement jikkontravjeni is-subartikolu (4) jew kull obbligazzjoni ohra taht dan l-Att, ir-responsabbiltà tieghu taht dan is-subartikolu ghandha tkun limitata ghall-flus jew ghall-valur tal-proprjetà li huwa jkun qieghed jamministra jew jikkontrolla li tkun ta’ persuna jew dovuta lil persuna li huwa jkun ir-rapprezantant taghha.

Dan l-artikolu ipoggi responsabilta diretta tad-diretturi mas-socjeta debitrici ghal hlas tal-ammonti dovuti u dan anki in vista ta’ dak li jiddisponu l-artikoli 1096 u 1097 tal-Kap. 16, bl-eccezzjoni msemmija fis-subartikolu 5, li ma jidhirx qed jigi invokat f’din il-kawza. Id-decizjoni ikkwotata mir-rikorrenti fl-ismijiet **Kummissarju tal-VAT vs Mario Tonna noe**, PA 29/09/1999, tipprospetta xenarju differenti. Din kienet talba ghal sospensjoni ta’ subbasta mibdija <u>biss</u> kontra s-socjeta debitrici u nqabdu oggetti tad-diretturi li <u>ma kienx parti</u> fil-proceduri ta’ subbasta. Il-Qorti mhix qed tghid b’daqshekk illi r-responsabilta tad-diretturi ghad-djun tas-socjeta hi awtomatikament solidali izda biex direttur jezimi ruhu mir-responsabilta irid jipprova dak li jghid l-artikolu 66(5) tal-Kap. 406, prova li tikombi lilu bi proceduri mehudin appozitament minnu f’kaz li d-dipartiment jesigi l-hlas minn ghandu. F’din il-kawza pero tali talba mhix issir izda qed tigi mpostata fuq xenarju differenti li fil-fehma tal-Qorti r-rikorrenti qua diretturi ma jsibux konfort la darba d-demand notice tkun giet mibghuta u ghalhekk fil-konfront tal-istess diretturi hemm titolu ezekuttiv safejn jippermetti l-artikolu 66 tal-Kap. 406.

In kwantu ghall-ittri ufficjali li ntbaghtu fis-26 ta’ Ottubru 2009, dawn l-ittri ufficjali saru in segwitu ghad-demand notices. Dawn l-ittri ufficjali igibu n-numru 3860/2009, 3859/2009, 3857/2009, u 3858/2009. Il-Qorti mhix ser tara jekk fil-fatt saritx notifika kif imiss peress li dan mhux l-iskop ta’ din il-kawza. Ir-rikorrenti qed jallegaw mhux li ma saritx in-notifika izda li ma giex kreat titolu ezekuttiv fil-konfront taghhom. Tali allegazzjoni hi skorretta peress li l-ittra ufficjali, mhix il-kostituzzjoni tat-titolu ezekuttiv ghax hu d-demand notice li jikkostitwixxi t-titolu u l-avviz ghal hlas, la darba notifikata kif imiss tirrendi t-titolu ezegwibbli.

Ghalhekk il-Qorti wara ezami dettaljat tal-provi u t-talbiet tar-rikorrenti tikkonkludi li t-talbiet taghhom huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt salv id-dritt tad-diretturi tas-socjeta rikorrenti skond il-ligi f’talba ghal hlas diretta lejhom personalment qua rapprezentanti solidament responsabbli ghal hlas mas-socjeta debitrici, u dan ai termini tal-artikolu 66 tal-Kap. 406.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi safejn kompatibbli ma’ dak hawn deciz tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-intimat u tichad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------